MALTA

# QORTI TAL-MAGISTRATI (MALTA)

# BHALA QORTI TA' GUDIKATURA KRIMINALI

## MAGISTRAT

## ANTONIO GIOVANNI VELLA

Seduta tad-29 ta' Jannar, 2015

Numru 816/2014

**Pulizija**

**Spettur Robert Vella**

**Vs**

**Christopher Jones**

**Il-Qorti;**

Wara li rat l-imputazzjonijiet migjuba kontra;

Christopher Jones ta' 39 sena, bin Brian u Antida nee' Privitera, mwieled Bicester Oxfordshire fl- Ingilterra fit- 8 ta' Mejju 1975, residenti 11, Koh Whai,

Triq Guze' Flores, Santa Venera u detentur tal- Karta tal- Identita' bin- numru 335201L ;

Talli nhar it- 3 ta' April 2014, ghall- habta tas- 7.30pm gewwa l- lokalita' ta' Santa Venera;

1) Volontarjament hassar, ghamel hsara jew gharraq hwejjeg haddiehor, mobbli jew immobbli u cioe' ghamel hsara fuq vettura bil- mutur tal- ghamla Toyota, Starlet bin- numru ta' registrazzjoni FBN 062, ghad- dannu ta' Paul Sammut u/ jew ta' persuna jew persuni ohra, liema hsara hija anzi izjed minn €250 izda ma tiskorrix €2,500;
2) Talli fl- istess lok, data, hin u cirkostanzi hebb fuq il- persuna ta' Paul Sammut u kkagunalu griehi ta' natura hafifa skont ma ccerifitka Dr Eddie Shaffu MD (Reg No. 5470) mill- isptar Mater Dei;

Rat id-dokumenti kollha ezebiti;

Rat l-atti kollha tal-kawza;

Semghet lill-partijiet;

Rat illi l-imputat irregistra ammissjoni fl-istadju ta' provi tad-difiza f'dawn il-proceduri, liema ammissjoni giet ikkonfermata minnu wara li l-Qorti tatu zmien xieraq skond il-ligi, u wara li l-imputat gie mwissi solennement minn din il-Qorti dwar il-konsegwenzi li din l-ammissjoni setghet iggib maghha;

Rat illi, ghalhekk, il-Qorti setghet tghaddi minnufih ghas-sentenza;

Rat illi l-imputat hallas seduta stante lill-parti leza s-somma ta’ hames mija w sittin Ewro (€560) bhala pagament akkont tal-hsara li ghamel, u obbliga ruhu li jhallas il-bilanc rimanenti ta’ sittin Ewro (€60) fi zmien gimgha millum;

**Ikkunsidrat;**

Wara li rat l-Artikoli 325 (1)(b), 215 u 221 tal- Kap 9 tal- Ligijiet ta’ Malta.

Fuq ammissjoni din il- Qorti ssib lill- imputat hati u ghaldaqstant tilliberah bil-kudizzjonizjoni li ma jaghmilx reat iehor fi zmien sena ai terminu tal- Artikolu 22 tal- Kap 446 tal- Ligijiet ta’ Malta.

Il-Qorti fissret fi kliem car il-portata tas-sentenza lill-imputat.

## < Sentenza Finali >

--------------------------------TMIEM--------------------------------